**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 176 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**-vs-**

**Brian Micallef**

Illum 29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Brian Micallef, detentur tal-Karta tal-Identità numru 511178 M bin Joseph Micallef u Mary Micallef nee' Falzon, imwieled Attard fid-29 ta' Ottubru, 1978 u resident fi Melody, Triq il-Kbira, Mosta, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Billi fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi hu akkuzat talli bhala direttur tal-Kumpanija Devlands Ltd (C-9017) ghas-snin 2006, 2007, 2008, 2009, 2010, 2011, 2012 u 2013 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat taxxa skont id-dispozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini

tal-fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-dispozizzjonijiet ta' dawk ir regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-30 ta' Marzu, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23 (1) (2) u (13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15, 20, 21 u 22 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Peress li l-akkuzat huwa responsabbli ghal ammont izghar ta' snin mid-diretturi l-ohrajn, il-piena se tkun ftit aktar miti minn tal-ohrajn u b' hekk, il-Qorti ikkundannatu ghal multa ta' disa' mitt Ewro (€900) u, b' zieda ma din, multa addizjonali ta' hames Ewro (€5.00) ghal kull jum li matulu jkompli dan ir-reat mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat, ai termini ta' l-artikolu 49 (2) tal-Kapitolu 372 tal Ligijiet ta' Malta, li jekk, fi zmien hames snin mil-lum, jerga' jinstab hati ta' reat iehor taht xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk tal istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija jew ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1500) u jekk jerga' jinstab hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmi zmien, minkejja kull haga li tinsab fl-Att dwar il-Probation jew f' xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem jew multa ta' hamest elef euro (€5000), b' zieda ma' kull piena ohra, hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Brian Micallef minnu pprezentat fid-19 t' April, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Fid-dawl tal-ewwel tlett (3) aggravji, *ossia* l-aggravji ' A' , ' B' u ' C' ta' dan l-umli appell, thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u minflok tilliberah minnha, **jew**;

2. B' mod sussidjarju u minghajr pregudizzu ghat-talba precedenti *ossia* ghat-talba ' 1' , tikkonfermaha in kwantu giet imposta il-multa fl-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) u thassarha u tirrevokaha in kwantu giet imposta l-multa addizzjonali ta' hames ewro (€5.00) *per diem* u dan *in linea* mal-aggravju ' D' , **jew**;

3. B' mod sussidjarju u strettament minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti *ossia* ghat-talba ' 1' u ' 2' u l-korrispondenti aggravji ' A' , ' B' , ' C' u ' D' li tvarja l-piena erogata b' piena iktar ekwa u gusta u dana fid-dawl tal-aggravju ' E' .

Rat Illi l-appellant hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu u b' hekk qieghed jinterponi dan l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **Dwar l-Allegat Ammont Dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa**

Fis-sentenza appellata l-Ewwel Onorabbli Qorti irriteniet testwalment hekk:

> *"Hu [ix-xhud Stefan Azzopardi] kkonferma bil-gurament tieghu illi minkejja li s-socjeta' de quo issottomettiet **xi** formoli tal-FS3 u tal-FS7, il-formoli tal-FS5 baqghu ma gewx sottomessi. Di piu, xehed li ma sarux **il-pagamenti kollha dovuti**. Spjega li f' Settembru 2006, id-Diretturi kienu dahlu fi ftehim taht l-Skema dwar Tnaqqis fil-Multi tal-FSS u l-KSS mal-Kummissarju ghat-Taxxi izda dan il-ftehim ma giex onorat. Spjega' li s-socjeta' regghet dahlet fi ftehim iehor f' Jannar 2012 u li lanqas dak it-tieni ftehim ma gie onorat. Xehed ukoll li minkejja li l-Kummissarju ghat-Taxxi bghat diversi Ittri ta' Twissija lis-socjeta' Devlands Ltd, il-bilanc baqa' ma giex onorat u illum il-gurnata fadal bilanc bejn FSS u SSC ta' **aktar minn** €1.9 miljun bhala taxxa pura dovuta." [sottolinejar tal-appellanti]*

Dan il-bran mis-sentenza appellata, bl-uzu tal-kliem bhal "*xi*" u "*ma sarux il-pagamenti kollha*" u "*aktar minn*" mill-ewwel juruk li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f' din il-kawza huma nieqsa minn precizjoni u certezza.

Tant hu hekk li minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza appellata[1] osservat li gew esebiti xi dokumenti *da parte* tad-Dipartiment tat-Taxxa, ix-xhud Stefan Azzopardi, in rappresentanza tal-istess dipartiment, filfatt naqas li jipprezenta dokumentazzjoni jew

[1] Pagna 2 tas-sentenza appellata.

xort' ohra jgib il-prova li uhud formoli gew sottomessi tardivament kif lanqas ma gie presentat rendikont ta' dak li d-dipartiment qieghed jsostni li huwa dovut bhala taxxa.

Fid-dawl tas-su espost jibqa' l-fatt li l-ammonti dovuti huma incerti u fl-assenza ta' ammont cert, l-appellant ma seta' qatt ragjonevolment jinstab hati u jhallas kwalunkwe ammont.

Kwindi, lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma' setghet qatt tistabbilixxi tabilhaqq l-ammont ta' taxxa korrispondenti mad-dokumenti FS3, FS5 u FS7 dovuta mis-socjeta` Devlands Limited versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet issib htija fl-appallent, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, tramite rapresentant tieghu, kellu jiehu hsieb jikkwantifika sal-inqas centenzmu u jressaq kull prova li tkun wasslet ghal tali kwantifikar. Fl-assenza ta' dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma' seta' qatt kellha serhan il-mohh li dak reklamat mill-Prosekuzzjoni u x-xhieda taghha kien veritier.

F' dan l-isfond, l-appellant jishaqq li f' pajjizi fejn tirrenja s-saltna tad-dritt, huwa accettat li sia fil-forum penali, kif ukoll fil-forum civili, li biex issir ordni ta' kumpens irid ikun hemm prova cara tad-dannu u ssir l-kwantifikazzjoni ta' tali dannu.

Ghandu jigi mfakkar ukoll illi l-proceduri odjerni huma proceduri penali u konsegwentament issib applikazzjoni l-massima: *'in dubio pro reo'* .

Dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl ta' dak deciż fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[2] fil-kawża fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v. Anthony Ellul**' , mogħtija nhar l-20 ta' Mejju 2020, fejn ġie konkuż testwalment hekk:

> *"Din il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni tenut kont tal-fatt li x-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti salv għal Stefan Azzopardi baqa' ma xehdux bħal kif lanqas xehed rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni in segwitu tax-xhieda tal-impjegati,* ***ma rnexxielex tipprova sufficjentement l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant. In oltre' il-formoli in kwistjoni lanqas ma ġew ipprezentati mill-Prosekuzzjoni sabiex jiġi stabbilit dak li ġie sottomess lid-Dipartiment****. Għalhekk din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant fuq nuqqas ta' provi, dan izda mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jistitwixxi proceduri Civili fil-konfront tal-appellant u/jew persuni oħra li kienu responsabbli għal ħlas ta' taxxi u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali fil-perjodu in kwistjoni. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi għar-raġunijiet imfissra f' din is-sentenza, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.*
>
> *Fl-umli fehma tal-esponenti, fid-dawl ta' dan in-nuqqas, il-Prosekuzzjoni ma rnexxielex tipprova sufficjentement l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant u għaldaqstant għandu jiġi liberat minnha."*

[2] per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera.

Dan l-principju kien gie stabbilit ukoll fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti per Onor. Imhallef Vincent De Gaetano, fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Ayman Khalaf</u>**', moghtija nhar id-9 ta' Settembru 2002.

F' din is-sentenza, Il-Qorti tal-Appell Kriminali sahhqet li ordni ghal kumpens taht l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali ghandu jsir biss <u>meta l-quantum ikun car, jew meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess quantum</u>. Stante li f' din is-sentenza il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma li ma kienx hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw l-ordni fl-ammont li gie ordnat mill-Ewwel Qorti, jew addirittura f' xi ammont iehor partikolari, il-Qorti tal-Appell sahhqet li l-ammont tal-hsara, u l-konsegwenti kumpens ghalih, kellu jithalla biex jigi stabbilit fi proceduri civili. Ghalhekk dik il-Qorti irrevokat l-ordni ghall-kumpens.

Illi dan il-principju gie wkoll enfasizzat fil-kaz: '**<u>R v. Vivian</u>**' - kwotat f' Archbold[3]- fejn il-Qorti tal-Appell Ingliz kienet sahqet:

> *"No order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved..."*

Dan il-hsieb ukoll gie affermat fil-kaz ' **<u>R v. Donovan</u>**' (1981) fejn il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

> *"A compensation order is designed for the simple, straightforward case where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained."*

[3] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001 Sweet & Maxwell (London), 2001, paras. 5-418, 5-419;

Din il-gurisprudenza Ingliza kienet kwotata ukoll fis-sentenza su-citata fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v. Ayman Khalaf</u>**' .

Fl-umli fehma tal-appellant, fid-dawl ta' dan in-nuqqas, il-Prosekuzzjoni ma rnexxieliex tipprova sufficjentement l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant u ghaldaqstant kellu jigi liberat minnha bl-istess mod li kien gie liberat l-appellant fil-kaz supra-citat ta' ' **<u>Anthony Ellul</u>**' . Bl-istess riga, lanqas l-Ewwel Onorabbli ma kellu tapplika multa *per diem* ta' hames ewro (€5.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza, fuq liema multa ser isiru iktar sottomissjonijiet iktar il-quddiem f' dan l-appell.

B. **<u>Dwar ir-reat li bih jinsab mixli l-appellant</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghal dak ta' qablu.

Jigi mfakkar li d-dicitura tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellant tghid testwalment li huwa *"naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa"*.

Dan logikament ifisser li l-appellant seta' unikament jinstab' hati, in forza tal-artikolu 23 tal-Kap. 372, ta' dak dispost fir-regolamenti 20, 21 u 22 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 *ossia* talli, bhala direttur[4] naqas li jissottometti fiz-zmien preskritt mill-ligi il-formoli tal-FS5, FS3 u FS7 rispettivament fil-perjodi msemmija fl-imputazzjoni.

[4] "Fatt" li ser jigi kkontestat iktar il-quddiem f' dan l-appell.

Bl-ebda' mod allura ma' seta legalment jinstab hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti a bazi ta' dak mahsub fir-regolament 15 tal-Avviz Legali 88 tal-1998, *ossia* talli bhala pagatur naqas li jhallas il-hlasijiet rispettivi konsistenti f' taxxa dovuta lill-Kummissarju – u dana semplicement ghaliex l-imputazzjoni tindika li l-intendiment tal-Prosekuzzjoni kienet biss li tixlih in kwantu n-nuqqas tieghu li jissottometti l-formoli indikati fil-hin. Xejn izjed, xejn iktar.

Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v. John Vella**' [5] u ' **Il-Pulizija v. David Agius**' [6] u rispettivament tishaqq li apparti li c-citazzjoni hija merament *avviso di comparire,* l-obbligi ta' pagatur ma humiex biss li jigu sottomessi il-prospetti a tenur tar-regolamenti 20, 21 u 22 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 izda li kontestwalment ukoll jithallsu r-rimessi dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi a tenur tar-regolament 15 tal-istess Avviz Legali

L-appellant jikkondividi li c-citazzjoni hija merament *avviso di comparire* u huwa proprju ghaliex citazzjoni hija *avviso di comparire* li l-appellant qieghed iressaq il-quddiem dan l-aggravju.

L-iskop ahhari wara citazzjoni huwa proprju sabiex dak li jkun ikun jaf biex jinsab akkuzat. Tant hu hekk li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[7] fl-ismijiet ' **The Police v. David Anthony Pollina**' , moghtija nhar il-15 ta' Lulju 2016, gie ritenut illi:

[5] Deciza nhar id-9 ta' Jannar 1992 per Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo.
[6] Deciza nhar l-20 ta' Settembru 2018 per Onor. Imhallef Edwina Grima.
[7] per Onor. Prim Imhellef Silvio Camilleri.

*"8. Another aim of the summons is for the sake of practicality and to avoid waste of time by putting the person charged beforehand **in a position to know what he is being charged with in order that he may prepare his defence**." [sottolinejar tal-appellant].*

L-esponenti jistaqsi; bil-kliem *"naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa"* inkluza fic-citazzjoni, l-appellant, bhal kull individwu iehor rinfaccjat b' din id-dicitura, x' ser jigi mgieghel jifhem?

Ser jigi mgieghel jifhem li huwa qieghed jigi biss akkuzat li naqas li jissottometti l-formoli ta' taxxa u xejn izjed – u dana ghaliex tali dicitura hija cara u specifika u mhux wahda vaga.

Certament ma ghandux ikun li ghax citazzjoni hija biss *' avviso di comparire'* mela allura l-Prosekuzzjoni hija gustifikata li tinkludi dak li trid fic-citazzjoni – b' mod illi li dak li jkun jispicca zgwidat u b' mod ukoll li dak li jkun jispicca prekluz milli jipprepara d-difiza tieghu.

Jekk id-dicitura tac-citazzjoni tghidlek li dak li jkun huwa akkuzat biss talli "naqas li jibghat il-formoli", mela m' ghandux ikun li dan il-kliem jigi mgebbed u estiz ukoll sabiex jinkorpora r-reat li wiehed ikun naqas li jaghmel il-hlasijiet konsistenti f' taxxa!

*Di piu,* minghajr pregudizzju ghal argoment supra, kien forsi jkollha ragun l-Ewwel Onorabbli Qorti bir-ragunar taghha kieku imqar gie ppruvat bi precizjoni mill-Prosekuzzjoni liema kienu l-ammonti ta' taxxa li ma thallsux mis-socjeta' Devlands Limited!

Dan ma sarx u dan gie anke rikonoxxut fis-sentenza appellata stess fejn gie rimarkat biss li s-socjeta' Devlands naqqset li taffetwa l-pagamenti kollha u ma specifikatx liema pagamenti ma thallsux u kwindi ma rabtietx tali ommissjoni mal-imputazzjoni li biha gie mixli l-appellant[8].

Kwindi fid-dawl tal-premess, stante li jirrizulta li l-appellant ma giex mixli talli naqas li jhallas it-taxxa ghall-perijodu specifikat u iktar minn hekk ma sarx apprezzament tal-kwantifikazzjoni ta' taxxa dovuta mill-imputat verso l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-appellant jishaq li l-multa addizzjonali *ossia* dik ta' hames ewro (€5.00) *per diem* ma kellha qatt tigi mposta u ghandha tigi revokata.

C. **Dwar il-Kariga ta' Direttur u l-*Best Evidence Rule***

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghal dawk ta' qablu.

Ix-xhud Quentin Tanti, ghan-nom u in rappresentanza tar-Registratur tal-Kumpanniji, xehed f' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u kkonferma li l-appellant kien jikkopu l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Devlands Ltd fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni.

B' danakollu l-istess xhud naqas ghal kollox li jesebixxi imqar dokument wiehed sabiex jigi jikkorobora id-dikjarazzjonijiet tieghu. L-inqas haga li seta' jaghmel dan ix-xhud, jew ahjar; xi haga li kien fid-dmir li jaghmel dan ix-xhud tal-Prosekuzzjoni kien li jesebixxi koppji tal-*memorandum & articles of association* tas-socjeta' Devlands Ltd sabiex

[8] Pagna 6 tas-sentenza appellata.

effettivament jigi ppruvat li l-appellant verament kien direttur ta' tali kumpannija fiz-zmien *de quo*.

L-atti processwali pero' huma sajma minn din il-prova bazilari. B' danakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta' wahda dehrila li ghandha tistrieh fuq dak mistqarr mix-xhud Quentin Tanti fuq il-pedana tax-xhieda stante li skont l-Ewwel Qorti, ma kienx hemm raguni ghaliex ma ghandux jitwemmen dan ix-xhud.

Jinghad pero' b' kull rispett li hawnhekk qeghdin fil-forum penali u mhux quddiem xi bord amministrattiv. L-oneru tal-prova xorta' wahda jibqa' dak oneruz tal-lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni u kwindi kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tiehu hsieb tressaq l-aqwa prova a disposizzjonijiet taghha.

L-artikolu 638 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stess jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b' success.

Issir referenza ghat-taghlim tal-**Manzini** fejn fil-ktieb tieghu ' Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890' , jghallem:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*

L-**artikolu 638 (1**) tal-Kodici Kriminali jistipula wkoll li:

> *"Bhala regola ghandha titqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu ikun importanti."*

*Di piu'* l-artikolu 520 (1) (d) tal-Kodici Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili applikabbli ghall-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

> *"Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

Minkejja dan it-taghlim, l-aqwa prova f' dan il-kaz jidher li naqqset li tingieb il-quddiem u b' dana kollu, minkejja din il-mankanza flagranti, l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta' wahda dehrilha li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragonevoli.

L-appellant jikkontendi li gialadarba ma hemmx in atti prova shiha u kompluta li l-appellant filfatt kien jokkupa l-kariga ta' direttur fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni, mela logikament lanqas tezisti dik il-prova li l-appellant effettivament kien responsabbli versu ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni in kwantu l-obbligi naxxenti mir-Regoli dwar il-Final Settelement System (FSS) u kwindi, ma seta' qatt huwa jinstab hati mill-Ewwel Onorabbli Qort tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

D. **<u>Dwar l-multa *per diem* u n-*ne bis in idem*</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghal dawk ta' qablu.

Mid-dicitura tal-**artikolu 23 (13) tal-Kap. 372** u anke minn qari tad-decide tas-sentenza appellata stess jemergi li l-appellant kien soggett mhux biss ghal multa wahda izda wkoll ghal forma ta' multa ohra *ossia* dik komunement msejjha multa *per diem*.

*Di fatti* mhux biss giet mposta fuq l-appellent multa fl-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) izda b' zieda ma' din gie mposta wkoll multa addizzjonali ta' hames ewro (€5.00) ghal kull jum li matulu r-reat jibqa' jsehh mid-data tas-sentenza.

Hija d-dicitura stess tal-artikolu 23 (13) li tuza esplicitament il-kelma "*multa <u>ohra</u>*" u aghar minn hekk l-istess disposizzjoni tal-ligi tuza l-kelma ' u' mhux ' *jew'* u kwindi dan ifisser li l-imposizzjoni tal-multa ' *ordinarja'* necessarjament iggib maghha wkoll l-multa *per diem*. Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb din id-disposizzjoni tal-ligi testwalment tiddisponi hekk:

> " (13) *Kull persuna li tikser jew li tonqos li thares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) tehel, meta tinsab hatja,* ***<u>multa</u>*** *ta' mhux anqas minnmija u sittax-il euro (116) u mhux izjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien,* ***<u>u</u>*** ***<u>multa ohra</u>*** *ta' mhux inqasminn erba' euro (4) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin euro (23) ghal kull*

*gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab hatja."* [sottolinejar tal-appellant].

B' hekk jirrizulta illi l-istess fatt kontinwat ta lok ghal zewg forom ta' pieni kontra l-istess persuna taxxabbli. Tali zewg pieni, *ossia* l-multi, huma kumulattivi u mhux alternattivi.

Illi dan huwa ksur car u manifest tal-principju ta' ' *ne bis in idem*' fejn l-appellant gie soggett ghal-zewg pieni distinti ghar-rigward l-istess fatt. Dan il-principju huwa salvagwardjat mill-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikoli 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll mill-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali.

Tenut kont tas-sue espost, l-appellant jikkontendi li l-imposizzjoni ta' duplicita' ta' multi saret bi ksur tal-principju tan-*ne bis in idem* u dana stante li l-appellant spicca ppenalizzat darbtejn bi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem*, l-appellant umilment jemmen li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tirrevoka l-multa addizzjonali ta' hames ewro (€5.00) *per diem*.

Alternattivament, a bazi tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bazi tal-artikolu 4 (3) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant jemmen li jkun ghaqli li dina l-Onorabbli Qorti tirreferi din il-vertenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)

sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi jekk l-istat attwali tal-artikolu 23 (13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament il-fatt li l-istess artikolu johloq zewg forom ta' multi kumulattivi, huwiex leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tas-Seba Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

E. **Dwar il-Piena**

Strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena imposta mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u iktar ixxaqleb lejn il-massimu.

Anke jekk ghall-grazzja tal-argomen u ghall-grazzja tal-argoment biss l-appellant ried b' xi mod jahrab mill-obbligazzjonijiet minnu imposti mill-ligijiet fiskali, ghalkemm dan ma kienx il-kaz, il-multa imposta mill-Ewwel Qorti ghalkemm hija wahda entro l-parametri stabbiliti mill-ligi, kienet wahda eccessiva.

Fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti, meta waslet biex tinfliggi l-piena fuq l-appellant naqqset milli tikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern u kwindi jekk dina l-Onorabbli Qorti jghogbha tikkonferma l-htija, tghaddi sabiex timponi fuq l-appellant piena aktar ekwa, gusta u idoneja fic-cirkostanzi.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti sejra tghaddi b'mod immedjat sabiex tikkunsidra l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u cioe' dak dwar l-allegat ammont dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa.

Primarjament, din il-Qorti tghid illi ix-xhieda li xehedu quddiem l-Ewwel Qorti ma gewx transkritti u ghalhekk il-preciz kliem li xehedu l-istess xhieda hi qatt ma tista' tkun tafu. Kien ghalhekk li din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda ta' Stefan Azzopardi ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kummissarju ghat-Taxxi u l-Quentin Tanti ghan-nom u in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji. Stefan Azzopardi ikkonferma d-dokumenti li esebixxa quddiem l-Ewwel Qorti. Hu qal li quddiem l-Ewwel Qorti kien spjega '*minn fejn gew l-ammonti u kif gew mahdumin u minn fejn originaw mid-dokumenti li gew sottomessi mid-diretturi stess.*' Fost id-dokumenti li kienu gew esebiti, kien hemm l-FS7s tal-kumpanija Devlands Limited u dan mis-sena 2004 sas-sena 2008. Ix-xhud spjega illi l-FS7 hija rikonciljazzjoni ta' kemm suppost giet imhallsa l-bolla u t-taxxa ta' kull sena tal-impjegati. Stefan Azzopardi zied jghid illi '*l-fatt li d-dipartiment fuq kull sena li hemm l-akkuzi fuqhom, ghandu dawn l-ammonti kollha, ghaliex l-FS7s kollha gew ipprezentati'.* Oltre minn hekk qal ukoll illi gew pprezentati xi twissijiet ghaliex l-xi formoli FS5s ma kienux gew ipprezentati u ghalhekk pagamenti ta'taxxa u bolla ma gewx imhallsa. Gie pprezentat ukoll *settlement agreement* li minkejja li kien iffirmat, skond ix-xhud Azzopardi dan ma kienx gie onorat. Mistoqsi ghalxiex ma kienx gie onorat, hu wiegeb '*nimmagina problema ta' cash flow jiena, jekk ma giex onorat hux. Ghax dan il-ftehim ta' 1.8 million kien jigifieri.*' Azzopardi spjega wkoll id-dokument li juri estratt mis-sistema taghhom bhala dipartiment li juri *summary,* sena b'sena tal-bilanci li hemm dovuti favur id-Dipartiment tat-Taxxa. Ix-xhud spjega wkoll il-kolonni relattivi u dawn xi jfissru.

L-appellant qieghed jillmenta fir-rikors tieghu illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant. Is-s**ubartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'(1) Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a), (b) jew (d) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew xi income hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skont dan is-subartikolu jew skont kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.*

*(2) Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġ skont is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.'*

Dan l-artikolu ghalhekk ipoggi l-obbligu fuq il-persuna li thallas taxxa fuq l-income, li tnaqqas it-taxxa dovut fuq l-ammont u tghaddih lil Kummissarju tat-Taxxa fiz-zmien preskritt.

*'(1) Kull pagatur għandu, sal-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar li jiġi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.*

*(2) Ir-rimessa li hi dovuta li ssir lill-Kummissarju taħt il-paragrafu (1) ta' din ir-regola għandha tintbagħat mill-pagatur flimkien ma' dak it-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata fuq ilformola msemmija fir-regola 20 ta' dawn ir-regoli li għandha timtela u tiġi ffirmata mill-pagatur.*

L-**artikolu 15 tal-Avviz Legali 88 tal-**1998 u cioe' ir-Regoli ta' l-1998 dwar Final Settlement System (FSS) jipprovdi li:

*'3) Jekk ir-rimessa meħtieġa li ssir skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola ma tasalx għand il-Kummissarju sad-data dovuta, jew inkella, jekk l-ammont imħallas ikun inqas minn dak li kien dovut li jitħallas, il-Kummissarju għandu jiddeċiedi skond l-aħjar fehma tiegħu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa li kellu jitħallas mill-pagatur u jinnotifikah b'avviż ta' nuqqas ta' tħaris skond ir-regoli 24 ta' dawn ir-regoli li bih jitolbu jħallas, b'żieda ma' kull taxxa addizzjonali imposta bl-istess avviż, l-ammont jew id-differenza, skond il-każ, f' dak iż-żmien li jiġi hekk indikat f' dak l-avviż.'*

"pagatur" f'dan l-Avviz Legali ifisser '*kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f' isem xi persuna oħra u tinkludi Dipartimenti tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom'*

Din il-Qorti tghid minghajr tlaqliq illi l-appellant kellu ragun meta accena fir-rikors tieghu illi l-ammonti dovuti huma ncerti. Jigi mfakkar illi hija sta ghall-prosekuzzjoni li ggib l-ahjar provi kemm favur u kemm kontra l-akkuzat u kwalunkwe dubbju dejjem ghandu jimmerita favur l-akkuzat. Ma jidher minn imkien rendikont globali ta' dak li d-dipartiment qieghed jsostni li huwa dovut bhala taxxa u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali li jikkorrispondu mad-dokumenti FS3, FS5 u FS7 dovuta mis-socjeta' Devlands Limited versu l-Kunnissarju tat-Taxxi. Filwaqt li x'xhud Azzopardi xehed li *settlement agreement* partikolari kien jammonta ghal 1.8 miljun euro, ma spjegax kif id-dipartiment wasal ghal dan l-ammont. Oltre minn hekk, dan il-kuntratt jidher li kien iffirmat fis-sena 2012 u l-akkuzi jirreferu wkoll ghas-sena 2013. Din il-Qorti ma tistax

lanqas tifhem kif gew esebiti l-FS7s mis-sena 2004 sas-sena 2008 biss, meta x-xhud Azzopardi xehed quddiemha li 'l-*fatt li d-dipartiment fuq kull sena li hemm l-akkuzi fuqhom, ghandu dawn l-ammonti kollha,* ***ghaliex l-FS7s kollha gewipprezentati'.*** Filwaqt li mis-sena 2010 sas-sena 2014 huma riflessi mis-*summary* li nharget mis-sistema tad-Dipartiment, is-sena 2009 m'hix riflessa fis-summary tas-sistema u lanqas fl-FS7s minkejja li hemm indikazzjoni ghaliha wkoll fl-akkuzi! Din il-Qorti kienet tistenna li tigi pprovduta komputazzjoni totali kif ukoll l-FS7s kollha, kif ukoll *summary* mis-sistema b'mod globali li jirriflettu l-akkuzi. Hawn hekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **R. v. Vivian**, 68 Cr.App.R. 53, fejn il-Qorti tal-Appell kienet qalet is-segwenti:

> ***"no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved"... Although it is open to the court to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See R. v. Kneeshaw, 58 Cr.App.R. 439; Hyde v. Emery, 6 Cr.App.R.(S.) 206; R. v. Briscoe, 15 Cr.App.R.(S.) 699; and R. v. White [1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58."***

Din il-Qorti tifli l-atti, tisma l-provi u tara jekk dak imressaq mill-prosekuzzjoni jikostitwixxix l-ahjar prova. Madankollu, l-Qorti mhux qedgha hemm biex timla l-vojt li thalli l-prosekuzzjoni u tipprova toqghod tassumi l-istess prosekuzzjoni x'riedet tfisser.

Għaldaqstant kellu raġun l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Ellul.**[9] Il-provi prodotti huma pjuttost frammentati u għaldaqstant din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant dan izda mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jistitwixxi proceduri Civili fil-konfront tal-appellant u/jew persuni oħra li kienu responsabbli għal ħlas ta' taxxi u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali fil-perjodu in kwistjoni.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi għar-raġunijiet imfissra f'din is-sentenza, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imħallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Reġistratur

[9] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar l-20 ta' Mejju, 2020.